

DEĊIJONI TA' IMPLEMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-26 ta' Jannar 2012

**li ġġedded il-validità tad-Deċiżjoni 2009/251/KE li titlob lill-Istati Membri jiġuraw li prodotti li
fihom il-bijoċidju dimetilfumarat ma jitqegħdux fis-suq jew ikunu disponibbli fih**

(notifikata bid-dokument numru C(2012) 321)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2012/48/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Diċembru 2001 dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti (1), u b'mod partikolari l-Artikolu 13 tagħha,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/251/KE (2) titlob lill-Istati Membri jiġuraw li prodotti li fihom il-bijoċidju dimetilfumarat (DMF) ma jitqegħdux fis-suq u lanqas ma jkunu disponibbli fih.
- (2) Id-Deċiżjoni 2009/251/KE ġiet adottata skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 13 tad-Direttiva 2001/95/KE, li tillimita l-validità tad-Deċiżjoni għal perjodu ta' mhux iż-żejjed minn sena, iż-żda tippermetti li tiġi kkonfermata għal perjodi addizzjonali li l-ebda wieħed minnhom ma għandu jaqbeż sena.
- (3) Il-validità tad-Deċiżjoni 2009/251/KE ġiet estiża bid-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2010/153/UE (3) u 2011/135/UE (4) għal perjodi addizzjonali ta' sena kull wieħed. Attwalment qed jiġi kkunsidrat li fl-artikoli tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (5) tiżdied restrizzjoni permanenti fuq id-DMF. Peress li din il-miżura se tindirizza l-istess tħassib bħad-Deċiżjoni 2009/251/KE, u sabiex ikun hemm ċertezza legali, id-Deċiżjoni 2009/251/KE għandha tapp-likka sakemm ir-restrizzjoni permanenti skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tidħol fis-seħħ.
- (4) Fid-dawl tal-esperjenza miksuba s'issa u n-nuqqas ta' miżura permanenti li tindirizza l-prodotti tal-konsumatur li fihom id-DMF, jeħtieġ li tiġġedded il-validità tad-Deċiżjoni 2009/251/KE għal 12-il xahar ieħor.

(5) Id-Deċiżjoni 2009/251/KE għandha tiġi emendata skont dan.

(6) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 15 tad-Direttiva 2001/95/KE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 2009/251/KE huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 4

Perjodu tal-applikazzjoni

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sakemm jidħol fis-seħħ ir-Regolament tal-Kummissjoni li jemenda l-Anness XVII mar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 dwar id-DMF jew inkella fil-15 ta' Marzu 2013, liema data taħbat l-aktar kmieni.”

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Deċiżjoni sa mhux aktar tard mill-15 ta' Marzu 2012 u għandhom jippubblikaw dawn il-miżuri. Huma għandhom minnufih jgħarrfu lill-Kummissjoni b'dan.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Jannar 2012.

Għall-Kummissjoni

John DALLI

Membru tal-Kummissjoni

(1) ĠU L 11, 15.1.2002, p. 4.

(2) ĠU L 74, 20.3.2009, p. 32.

(3) ĠU L 63, 12.3.2010, p. 21.

(4) ĠU L 57, 2.3.2011, p. 43.

(5) ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1.